32002R2371

31.12.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 358/59

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92 ([3]) stabbilixxa sistema Komunitarja dwar żoni tas-sajd u l-akwakultura Skond dak ir-Regolament, il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar xi aġġustamenti meħtieġa sal-31 ta' Diċembru 2002.

(2) L-iskop tal-Politika Komuni dwar is-Sajd iwassal għal konservazzjoni, maniġġjar u sfruttar ta' riżorsi akwatiċi ħajjin u ta' l-akwakultura, kif ukoll għall-proċessar u l -*marketing* ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura, meta dawn l-attivitajiet ikunu prattikati fit-territorju ta' Stat Membru jew fl-ibħra tal-Komunità jew minn bastimenti tas-sajd tal-Komunità jew minn ċittadini ta' Stati Membri, waqt li jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 117 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, bla ħsara għar-responsabbiltà ewlenija ta' l-Istat tal-bandiera.

(3) Billi ħafna ħażniet ta' ħut qegħdin dejjem jonqsu, il-Politika Komuni dwar is-Sajd trid titjieb biex tkun żgurata l-vijabilità fit-tul tas-settur tas-sajd permezz ta' l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi akwatiċi ħajjin bażati fuq pariri xjentifiċi tajba u fuq it-trattament kawt, li hu bażat fuq l-istess konsiderazzjonijiet ta' prinċipju ta' kawtela msemmi fl-Artikolu 174 tat-Trattat.

(4) L-għan tal-Politika Komuni dwar is-Sajd għalhekk għandu jkun biex jaħseb għall-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi akwatiċi ħajjin u ta' l-akwakultura fil-kontest ta' żvilupp sostenibbli, waqt li jitqiesu l-aspetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali b'mod bilanċjat.

(5) Hu importanti li l-amministrazzjoni tal-Politika Komuni dwar is-Sajd titmexxa fuq il-prinċipju ta' governanza tajba u li l-miżuri li jittieħdu jkunu f'konformità u konsistenza reċiproka ma' politika oħra tal-Komunità.

(6) L-għan ta' sfruttar sostenibbli jinkiseb aktar effettivament permezz ta' trattament fuq ħafna snin ta' maniġġjar ta' żoni tas-sajd, li jinvolvi pjanijiet ta' tmexxija għal ħafna snin f'limiti bijoloġiċi bla periklu. Għal ħażniet lilhinn mil-limiti bijoloġiċi bla periklu, l-adozzjoni ta' pjani ta' rkupru fuq diversi snin hi ta' prijorità assoluta. F'konformità ma' pariri xjentifiċi, tnaqqis sostanzjali mill-isforz għas-sajd jista' jkun meħtieġ għal dawn il-ħażniet.

(7) Dawn il-pjanijiet fuq numru ta' snin għandhom jistabbilixxu miri għall-isfruttar sostenibbli tal-ħażniet konċernati, joħolqu regoli dwar il-qbid li jippreskrivu l-mod kif il-limiti dwar l-isforzi għal qabdiet u/jew sajd għandhom jiġu kalkolati u jiddisponu għal miżuri oħra speċifiċi ta' amministrazzjoni, waqt li jitqies ukoll l-effett fuq speċi oħra.

(8) Il-kontenut ta' pjanijiet fuq diversi snin għandu jkun proporzjonat ma' l-i *status* ta' konservazzjoni tal-ħażniet, l-urġenza għall-irkupru tagħhom, u l-karatteristiċi ta' dawn il-ħażniet u tal-postijiet tas-sajd li jinqabdu fihom.

(9) L-isfruttar sostenibbli ta' ħażniet li dwarhom ebda pjan fuq numru ta' snin ma jkun ġie stabbilit għandu jkun żgurat billi jinħolqu limiti għall-qbid u/jew l-isforzi għas-sajd.

(10) Għandhom isiru disposizzjonijiet biex l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jadottaw miżuri ta' emerġenza għall-possibiltà ta' xi theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi, jew għall-eko-sistema tal-baħar b'riżultat ta' attivitajiet tas-sajd, u li jkunu jeħtieġu azzjoni fil-pront.

(11) Fiż-żona tagħhom ta' 12-il mil nawtiku, l-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u amministrazzjoni applikabbli għall-bastimenti tas-sajd kollha, basta illi, meta dawn il-miżuri japplikaw għal bastimenti tas-sajd minn Stati Membri oħra, il-miżuri adottati ma jkunux diskriminatorji u li tkun saret konsultazzjoni minn qabel, u li l-Komunità ma tkunx adottat miżuri li jindirizzaw speċifikament il-konservazzjoni u l-maniġġjar f'din iż-żona.

(12) Il-flotta tal-Komunità għandha titnaqqas biex tkun kompatibbli mar-riżorsi disponibbli u għandhom jiġu preskritti miżuri speċifiċi biex dak il-għan jintlaħaq, inkluż l-iffissar ta' livelli ta' referenza dwar kapaċità għas-sajd li m'għandhomx jinqabżu, faċilità speċjali Komunitarja biex tippromwovi l-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd u skemi nazzjonali dwar dħul/ħruġ.

(13) Kull Stat Membru għandu jżomm reġistru nazzjonali tal-bastimenti tas-sajd li għandu jkun disponibbli għall-Kummissjoni biex tkun tista' timmonitorja d-daqs tal-flotot ta' l-Istati Membri.

([1]) ĠU C 203 E, tas-27.8.2002, p. 284.
([2]) Opinjoni mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2002 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 389, tal-31.12.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1181/98 (ĠU L 164, tad-9.6.1998, p. 1).

(14) Ir-regoli eżistenti li jirrestrinġu l-aċċess għar-riżorsi fiż-żoni ta' 12-il mil nawtiku ta' Stati Membri ħadmu tajjeb għall-benefiċċju tal-konservazzjoni billi rrestrinġew l-isforz għas-sajd fl-aktar parti sensittiva ta' l-ibħra Komunità arji u ppriservaw l-attivitajiet tradizzjonali tas-sajd li minnhom jiddependi ħafna l-iżvilupp ekonomiku ta' ċerti Komunità ajiet tal-kosta. Għandhom għalhekk jibqgħu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2012.

(15) Għalkemm restrizzjonijiet oħra dwar aċċess li jinsabu fil-leġislazzjoni Komunitarja għandhom jinżammu għal issa, għandhom jiġu riveduti biex jiġi valutat jekk għadhomx meħtieġa biex ikunu żgurati żoni tas-sajd sostenibbli.

(16) Minħabba l-istat ekonomiku prekarju ta' l-industrija tas-sajd u d-dipendenza ta' ċerti Komunitajiet tal-kosta fuq is-sajd, hu meħtieġ li tkun żgurata l-istabbilità ekonomika relattiva ta' attivitajiet tas-sajd permezz ta' l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri, bażata fuq is-sehem mistenni mill-ħażniet għal kull Stat Membru.

(17) F'aspetti oħra, dik l-istabilità, darba li s-sitwazzjoni bijoloġika temporanja tal-ħażniet hi dik li hi, għandha tissalvagwardja l-bżonnijiet partikolari ta' reġjuni fejn il-popolazzjoni lokali tkun tiddependi b'mod speċjali mill-attivitajiet tas-sajd u oħrajn relatati magħhom kif deċiż mill-Kunsill fir-Riżoluzzjoni tat-3 ta' Novembru 1976 ([1]), dwar ċerti aspetti esterni tal-ħolqien ta' żona ta' sajd ta' 200 mil fil-Komunitàb'seħħ mill-1 ta' Jannar 1977, u b'mod partikolari l-Anness VII tagħha.

(18) Għalhekk, hu f'das-sens li l-idea ta' stabbilità relattiva immirata għandha tiftiehem.

(19) Biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Politika Komuni dwar is-Sajd, is-sistema Komunitarja dwar sistemi ta' kontroll u nfurzar f'postijiet tas-sajd għandha tiġi nfurzata u t-tqassim ta' responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni iċċarat aktar. Għal dan il-għan hu xieraq li f'dan ir-Regolament jiddaħħlu d-disposizzjonijiet ewlenin li jirregolaw il-kontroll, l-ispezzjonar u l-infurzar tar-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd, li parti minnhom diġà tinsab fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll applikabbli għal Politika Komuni dwar is-Sajd ([2]). Dak ir-Regolament għandu jibqa' fis-seħħ sakemm ir-regoli kollha dwar l-implimentazzjoni meħtieġa jkunu adottati.

(20) Disposizzjonijiet dwar kontroll, spezzjonijiet u nfurzar jikkonċernaw, min-naħa l-waħda, l-obbligi tal-kaptani ta' bastimenti tas-sajd u ta' l-operaturi fil-katina tal-*marketing* u, min-naħa l-oħra, jaċċentwaw ir-responsabbiltajiet differenti ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

(21) Il-Komunità għandha tkun kapaċi tagħmel tnaqqis mill-opportunitajiet tas-sajd meta Stat Membru jkun qabeż l-opportunitajiet tas-sajd li jkunu ġew allokati lilu. Meta jkun stabbilit illi, b'riżultat ta' Stat Membru li jkun qabeż l-opportunitajiet tas-sajd tiegħu, Stat Membru ieħor ikun bata ħsara, parti mit-tnaqqis jew kollu kemm hu għandu jiġi allokat lil dak l-Istat Membru

(22) L-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jadottaw miżuri immedjati biex ma jħallux it-tkomplija ta' ksur serju kif imfisser fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1447/1999 ta' l-24 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi lista tat-tipi ta' mġiba li jiksru serjament ir-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd ([3]).

(23) Il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tieħu passi preventivi minnufih jekk ikun jidher li hemm riskju li l-attivitajiet tas-sajd jistgħu iwasslu għal theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin.

(24) Il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat xierqa biex tivettaq l-obbligi tagħha fil-kontroll u l-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni dwar is-Sajd mill-Istati Membri.

(25) Hemm il-bżonn li tiġi intensifikata l-koperazzjoni u l-kordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kollha rilevanti biex jinkiseb il-ħarsien tar-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd, b'mod partikolari permezz tal-bdil ta' spetturi nazzjonali, billi Stati Membri jkunu mitluba jittrattaw rapporti ta' spezzjonijiet imħejjija minn spetturi tal-Komunità, minn spetturi ta' Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni bl-istess mod kif jittrattaw ir-rapporti ta' spezzjonijiet tagħhom stess biex ikunu stabbiliti l-fatti.

(26) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([4]).

(27) Bħala kontribut lejn il-ksib ta' l-għanijiet tal-Politika Komuni dwar is-Sajd, Kunsilli Konsultattivi Reġjonali għandhom jiġu stabbiliti biex jagħmluha possibbli għall-Politika Komuni dwar is-Sajd tibbenefika mit-tagħrif u l-esperjenza tas-sajjieda konċernati u ta' partijiet oħra interessati u biex jikkunsidraw il-kondizzjonijiet diversi fl-ibħra kollha tal-Komunità.

(28) Biex ikun żgurat li l-Politika Komuni dwar is-Sajd tibbenefika mill-aħjar pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi, il-Kummissjoni għandu jkollha l-għajnuna ta' kumitat xieraq.

([1]) ĠU C 105, 07.05.1981, p. 1.
([2]) ĠU L 261, ta' l-20.10.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1965/2001 (ĠU L 268, tad-9.10.2001, p. 23).
([3]) ĠU L 167, 02.07.1999, p. 5.
([4]) ĠU L 184, tas-17.07.1999, p. 23.

(29) Hu meħtieġ u f'waqtu għall-kisba ta' l-għanijiet bażiċi ta' l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi akwatiċi ħajjin li jiġu preskritti regoli dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar ta' dawk ir-riżorsi. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità preskritt fl-Artikolu 5 tat-Trattat, dan ir-Regolament m'għandux imur lil hinn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(30) Minħabba n-numru u l-importanza ta' l-emendi li hemm bżonn isiru, ir-Regolament (KEE) Nru 3760/92 għandu jitħassar. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 101/76 tad-19 ta' Jannar 1976 li jistabbilixxi politika strutturali komuni għall-industrija tas-sajd [1] li ġew annullati d-disposizzjonijiet sostanzjali kollha tiegħu għandu wkoll jitħassar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**SKOP U GĦANIJIET**

*Artikolu 1*

**Skop**

1. Il-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha tkopri l-konservazzjoni, l-amministrazzjoni u l-isfruttar tar-riżorsi akwatiċi ħajjin, ta' l-akwakultura, u tal-proċessar u l-*marketing* ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura meta dawn l-attivitajiet jitwettqu fuq it-territorju ta' Stati Membri jew f'ilmijiet tal-Komunitàjew minn bastimenti tas-sajd tal-Komunità jew, bla ħsara għar-responsabbiltà ewlenija ta' l-Istat tal-bandiera, minn ċittadini ta' Stati Membri.

2. Il-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha tiddisponi għal miżuri koerenti dwar:

(a) konservazzjoni, amministrazzjoni u sfruttar ta' riżorsi akwatiċi ħajjin,

(b) limitazzjoni ta' l-impatt ambjentali tas-sajd,

(ċ) kondizzjonijiet dwar l-aċċess għal ilmijiet u riżorsi,

(d) politika strutturali u amministrazzjoni tal-kapaċità tal-flotta,

(e) kontroll u infurzar,

(f) akwakultura,

(g) organizzazzjoni komuni tas-swieq, u

(h) relazzjonijiet internazzjonali.

*Artikolu 2*

**Għanijiet**

1. Il-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha tiżgura l-isfruttar tar-riżorsi akwatiċi ħajjin li joħolqu kondizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

Għal dan il-għan, il-Komunità għandha tapplika trattament kawt fit-teħid ta' miżuri maħsuba biex iħarsu u jikkonservaw riżorsi akwatiċi ħajjin, biex jaħsbu għall-isfruttar sostenibbli tagħhom u biex inaqqsu kemm jista' jkun l-impatt ta' l-attivitajiet tas-sajd fuq l-eko-sistemi tal-baħar. Għandha timmira lejn implimentazzjoni progressiva ta' trattament bażat fuq eko-sistema fl-amministrazzjoni ta' żoni tas-sajd. Għandha timmira biex tikkontribwixxi għal attivitajiet ta' sajd effiċjenti f'industrija ta' sajd u akwakultura ekonomikament vijabbli u kompetittiva.

2. Il-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha tiġi gwidata mill-prinċipji li ġejjin ta' governanza tajba:

(a) definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet tal-Komunità, f'livelli nazzjonali u lokali;

(b) proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet bażat fuq pariri xjentifiċi sodi li jagħtu riżultati fil-ħinijiet mistennija;

(ċ) involviment wiesgħa ta' dawk kollha li għandhom xi interess fl-istadji kollha tal-politika mill-konċepiment sa' l-implimentazzjoni;

(d) konsistenza ma' politika oħra tal-Komunità, b'mod partikolari ma' politika ambjentali, soċjali, dwar żvilupp, saħħa u ħarsien tal-konsumatur.

*Artikolu 3*

**Tifsiriet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "Ilmijiet tal-Komunità" tfisser l-ilmijiet taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri ħlief l-ilmijiet li jmissu mat-territorji msemmija fl-Anness II tat-Trattat;

(b) "riżorsi akwatiċi ħajjin" tfisser speċi akwatiċi tal-baħar ħajjin disponibbli u aċċessibbli, inklużi speċi anadromi u katadromi matul il-ħajja fil-baħar tagħhom;

(ċ) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment mgħammar għall-isfruttar ta' riżorsi akwatiċi ħajjin;

(d) "Bastiment tas-sajd tal-Komunità" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun reġistrat fil-Komunità;

(e) "sfruttar sostenibbli" tfisser l-isfruttar ta' ħażna b'mod li l-isfruttar tal-ħażna għall-ġejjieni ma tiġix preġudikata u li ma jkollhiex impatt ħażin fuq l-eko-sistemi tal-baħar;

(f) "rata ta' mortalità tas-sajd" tfisser il-qbid ta' ħażniet matul perjodu stabbilit bħala proporzjon tal-ħażna medja disponibbli għall-post tas-sajd matul dak il-perjodu;

(g) "ħażna" tfisser riżorsa akwatika ħajja li tkun teżisti f'żona ta'maniġġjar indikata;

(h) "sforz tas-sajd" tfisser il-prodott tal-kapaċità u l-attività ta' bastiment tas-sajd; għal grupp ta' bastimenti tkun it-total ta' l-isforz tas-sajd tal-bastimenti kollha fil-grupp;

(i) "mod kawt ta' kif wieħed iħares lejn il-maniġġjar ta' postijiet tas-sajd" tfisser li n-nuqqas ta' tagħrif xjentifiku adegwat m'għandux jintuża bħala raġuni għall-posponiment jew in-nuqqas ta' teħid ta' miżuri amministrattivi biex jiġu konservati speċi fil-mira, speċi assoċjati jew dipendenti u speċi mhux fil-mira u l-ambjent tagħhom:

[1] ĠU L 20, tat-28.01.1976, p. 19.

(j) "punti ta' referenza dwar limiti" tfisser il-valuri ta' parametri tal-popolazzjoni ta' ħut f'ħażna (bħal bijo-massa jew ir-rata ta' mortalità tal-ħut), li għandhom jiġu evitati għax huma assoċjati ma' dinamika ta' popolazzjoni mhux magħrufa, mal-kollass ta' ħażniet jew ma tiġdid mhux b'saħħtu;

(k) "punti ta' referenza dwar konservazzjoni" tfisser il-valuri ta' parametri tal-popolazzjoni ta' ħut f'ħażna (bħal bijo-massa jew ir-rata ta' mortalità tal-ħut) użati fil-maniġġjar ta' żoni tas-sajd, per eżempju dwar il-livell aċċettabbli ta' riskju bijoloġiku jew livell ta' produzzjoni mixtieq;

(l) "limiti bijoloġiċi bla periklu" tfisser indikaturi ta' l-istat ta' xi ħażna jew ta' l-isfruttar tagħha li fihom ikun hemm risjku baxx li jiġu miksura ċerti punti ta' referenza dwar limiti;

(m) "limitu ta' qbid" tfisser limitu kwantitattiv ta' kemm jitniżżlu ħażniet jew gruppi ta' ħażniet f'perjodu partikolari sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi tal-Komunità;

(n) "kapaċità għas-sajd" tfisser it-tunnellaġġ ta' bastiment f'TG u l-potenza tiegħu f'kW, kif imfisser fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 ([1]). Għal ċerti tipi ta' attivitajiet tas-sajd, kapaċità tista' tiġi mfissra mill-Kunsill billi juża per eżempju l-ammont u/jew id-daqs ta' tagħmir tas-sajd ta' bastiment;

(o) "ħruġ mill-flotta" tfisser it-tneħħija ta' bastiment tas-sajd mir-reġistru tal-flotta tas-sajd ta' Stat Membru, basta li l-Artikolu 15(1) jitħares;

(p) "dħul fil-flotta" jfisser ir-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd fir-reġistru tal-flotta tas-sajd ta' Stat Membru;

(q) "opportunità ta' sajd" tfisser dritt legali kwantifikat għas-sajd, espress f'termini ta' qabdiet u/jew sforz għas-sajd;

(r) "opportunità ta' sajd fil-Komunità" tfisserl-opportunitajiet ta' sajd disponibbli disponibbli għall-Komunità f'ilmijiet tal-Komunità, flimkien mat-total ta' opportunitajiet ta' sajd Komunitarju barra mill-ilmijiet tal-Komunità, bit-tnaqqis ta' opportunitajiet ta' sajd Komunitarju allokat lil pajjiżi terzi.

KAPITOLU II

## KONSERVAZZJONI U SOSTENIBBILTÀ

*Artikolu 4*

### Tipi u miżuri

1. Biex jikseb l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1), il-Kunsill għandu jistabbilixxi miżuri li jirregolaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-insegwiment ta' attivitajiet tas-sajd.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti waqt li jiġu kkunsidrati pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli u b'mod partikolari r-rapporti mħejjija mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) stabbilit skond l-Artikolu 33(1) kif ukoll fid-dawl ta' pariri li jkunu waslu mill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali stabbiliti skond l-Artikolu 31. Jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu miżuri għal kull ħażna jew grupp ta' ħażniet biex ikunu limitatl l-mortalità tas-sajd u l-impatt ambjentali ta' attivitajiet tas-sajd billi:

(a) jiġu adottati pjanijiet ta' rkupru skond l-Artikolu 5;

(b) jiġu adottati pjanijiet ta' maniġġjar skond l-Artikolu 6;

(ċ) jiġu stabbiliti miri dwar l-isfruttar sostenibbli ta'ħażniet;

(d) jiġu limitati l-qabdiet;

(e) jiġu ffissati n-numru u t-tip ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati biex jistadu;

(f) jiġi limitat l-isforz tas-sajd;

(g) jiġu adottati miżuri tekniċi, inklużi:

(i) miżuri dwar l-istruttura ta' tagħmir għas-sajd, in-numru u d-daqs ta' tagħmir għas-sajd abbord, il-metodi dwar l-użu tagħhom u minn xiex ikunu magħmula l-qabdiet li jistgħu jinżammu abbord meta jsir sajd b'dak it-tagħmir;

(ii) żoni u/jew perjodi li fihom ikunu projbiti jew ristretti attivitajiet tas-sajd inklużi dawk għall-ħarsien ta' żoni fejn ibejjed u jitrabba l-ħut;

(iii) l-iżgħar daqs ta' individwi li jistgħu jinżammu abbord u/jew jitniżżlu 'l art;

(iv) miżuri speċifiċi li jnaqqsu l-impatt ta' attivitajiet tas-sajd fuq eko-sistemi tal-baħar u fuq speċi li ma jkunux fil-mira;

(h) bilii jinħolqu inċentivi, inklużi dawk ta' natura ekonomika, li jippromwovu sajd aktar selettiv jew b'impatt inqas;

(i) jitwettqu proġetti pilota fuq tipi oħra ta' tekniki dwar il-maniġġjar tas-sajd.

*Artikolu 5*

### Pjanijiet ta' rkupru

1. Il-Kunsill għandu jadotta, bi prijorità, pjani ta' rkupru dwar ħażniet għall-isfruttar f'żoni tas-sajd li jinsabu barra mil-limiti bijoloġiċi bla periklu.

2. L-għan ta' pjanijiet ta' rkupru għandu jkun li jiżgura l-irkupru ta' ħażniet jinżamm f'limiti bijoloġiċi bla periklu.

Għandhom jinkludu punti ta' referenza dwar konservazzjoni bħal miri li kontra tagħhom l-irkupru tal-ħażniet sa limiti bijoloġiċi bla periklu għandhom ikunu assessjati.

Il-miri għandhom jiġu espressi f'termini ta':

(a) daqs ta' popolazzjoni u/jew

(b) produzzjoni fuq medda ta' żmien u/jew

(ċ) rata ta' mortalità tas-sajd u/jew

(d) stabbiltà ta' qbid.

Pjanijiet ta' rkupru jistgħu jinkludu miri li jirrelataw għal riżorsi akwatiċi ħajjin u l-manutensjoni u titjib ta' l-i *status* ta' konservazzjoni ta' eko-sistemi tal-baħar.

([1]) ĠU L 274, tal-25.9.1986, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3259/94 (ĠU L 339, tad-29.12.1994, p. 11).

Meta tkun stabbilita aktar minn mira waħda, pjanijiet ta' rkupru għandhom jispeċifikaw l-ordni ta' prijorità għal dawn il-miri.

3. Pjanijiet ta' rkupru għandhom jitfasslu fuq il-bażi ta' ħarsien kawt fil-maniġġjar ta' żoni tas-sajd waqt li jitqiesu l-punti ta' referenza dwar limiti rakkomandati minn korpi xjentifiċi rilevanti. Għandhom jiżguraw l-isfruttar sostenibbli ta' ħażniet u li l-impatt ta' attivitajiet tas-sajd fuq eko-sistemi tal-baħar jinżamm f'livell sostenibbli.

Jistgħu ikopru jew żoni ta'sajd għal ħażniet waħdanin jew żoni ta' sajd li jisfruttaw taħlitiet ta' ħażniet, u għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni l-interazzjonijiet bejn ħażniet u żoni tas-sajd.

Il-pjanijiet ta' rkupru għandhom ikunu għal numru ta' snin u jindikaw il-qafas ta' żmien mistenni biex jintlaħqu l-miri stabbiliti.

4. Pjanijiet ta' rkupru jistgħu jinkludu kull miżura msemmija fil-punti (ċ) sa (h) ta' l-Artikolu 4(2) kif ukoll ir-regoli dwar il-ġbir li jikkonsistu f'numru determinat minn qabel ta' parametri bijoloġiċi li jirregolaw il-limiti ta' qbid.

Pjanijiet ta' rkupru għandhom jinkludu limitazzjonijiet fuq l-isforz tas-sajd sakemm dan mhux meħtieġ biex jinkiseb l-għan tal-pjan. Il-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' rkupru għandhom ikunu fi proporzjon għall-għanijiet, il-miri u l-qafas ta' żmien mistenni, u jiġu deċiżi mill-Kunsill waqt li jiġu kkunsidrati:

(a) l-i *status* ta' konservazzjoni tal-ħażna jew ħażniet;

(b) il-karatteristiċi bijoloġiċi tal-ħażna jew ħażniet;

(ċ) il-karatteristiċi taż-żoni tas-sajd li fihom jinqabdu l-ħażniet;

(d) l-impatt ekonomiku tal-miżuri fuq iż-żoni tas-sajd konċernati.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-effettività tal-pjanijiet ta' rkupru fil-kisba tal-miri.

*Artikolu 6*

**Pjani ta' maniġġjar**

1. Il-Kunsill għandu jadotta pjani ta' maniġġjar sa fejn meħtieġ biex iżommu l-ħażniet limiti bijoloġiċi bla periklu għal żoni ta' sajd ta' sfruttar fi/jew ġo limiti bijoloġiċi bla periklu.

2. Pjanijiet ta' maniġġjar għandhom jinkludu punti ta' referenza dwar konservazzjoni bħal miri li magħhom trid tiġi assessjata ż-żamma tal-ħażniet. Il-punti (a) sa (d) ta' l-Artikolu 5(2) għandhom japplikaw.

Pjani ta' maniġġjar għandhom jinkludu miri dwar riżorsi akwatiċi ħajjin oħra u ż-żamma jew titjib ta' l-i *status* ta' konservazzjoni ta' eko-sistemi.

Meta aktar minn mira waħda tiġi stabbilita, pjani ta' maniġġjar għandhom jispeċifikaw l-ordni ta' prijorità ta' dawn il-miri.

3. Pjani ta' maniġġjar għandhom jitfasslu fuq il-bażi ta' ħarsien kawt lejn l-immaniġġjar ta' żoni tas-sajd u jqisu l-punti ta' referenza dwar limiti rakkomandati minn korpi xjentifiċi rilevanti. Għandhom jiżguraw l-isfruttar sostenibbli ta' ħażniet u li l-impatt ta' attivitajiet tas-sajd fuq eko-sistemi tal-baħar jinżamm f'livelli sostenibbli.

Jistgħu ikopru jew żoni ta' sajd għal ħażniet waħdanin jew żoni ta' sajd għall-isfruttar ta' taħlitiet ta' ħażniet, u għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni l-interazzjonijiet bejn ħażniet u żoni tas-sajd.

Il-pjanijiet ta' maniġġjar għandhom ikunu għal numru ta' snin u jindikaw il-qafas ta' żmien mistenni biex jintlaħqu l-miri stabbiliti.

4. Il-pjanijiet ta' maniġġjar jistgħu jinkludu kull miżura msemmija fil-punti (d) sa (i) ta' l-Artikolu 4(2) kif ukoll regoli dwar il-ġbir li jikkonsistu f'numru stabbilit minn qabel ta' parametri bijoloġiċi li jirregolaw limiti ta' qbid.

Il-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' maniġġjar għandhom ikunu fi proporzjon ma' l-għanijiet, il-miri u l-qafas ta' żmien mistenni, u għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill waqt li jitqiesu:

(a) l-i *status* ta' konservazzjoni tal-ħażna jew ħażniet;

(b) il-karatteristiċi bijoloġiċi tal-ħażna jew ħażniet;

(ċ) il-karatteristiċi taż-żoni tas-sajd li fihom jinqabdu l-ħażniet;

(d) l-impatt ekonomiku tal-miżuri dwar iż-żoni tas-sajd konċernati.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-effettività tal-pjani ta' maniġġjar fil-ksib tal-miri tagħha.

*Artikolu 7*

**Miżuri ta' emerġenza tal-Kummissjoni**

1. Jekk ikun jidher li hemm xi theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, jew għall-eko-sistema tal-baħar b'riżultat ta' attivitajiet tas-sajd u jkun hemm bżonn ta' azzjoni immedjata, il-Kummissjoni, fuq it-talba sostanzjata ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq xi miżuri ta' emerġenza li m'għandhomx ikunu għal aktar minn sitt xhur. Il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni ġdida biex ittawwal iż-żmien dwar il-miżuri ta' emerġenza b'mhux aktar minn sitt xhur.

2. L-Istat Membru għandu jgħaddi t-talba fl-istess ħin lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali konċernati. Jistgħu jibagħtu l-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li tkun waslet it-talba.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata wara l-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-miżuri ta' emerġenza għandhom jibdew iseħħu minnufih. Għandhom jiġu notifikati lill-Istati Membri konċernati, u pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali*.

4. L-Istati Membri konċernati jistgħu jirreferu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 10 ġranet mill-wasla tan-notifikazzjoni.

5. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahar mill-wasla tat-talba riferita lilu.

*Artikolu 8*

**Miżuri ta' emerġenza minn Stati Membri**

1. Jekk ikun jidher li teżisti xi theddida serja u li ma dehritx qabel għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, jew għall-ekosistema tal-baħar b'riżultat ta' attivitajiet tas-sajd, f'ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni ta' Stat Membru meta xi dewmien żejjed ikun jirriżulta fi ħsara li tkun diffiċli biex tissewwa, dak l-Istat Membru jista' jieħu miżuri ta' emerġenza li m'għandhomx idumu għal aktar minn tliet xhur.

2. Stati Membri li jkun bi ħsiebhom jieħdu miżuri ta' emerġenza għandhom jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali konċernati billi jibagħtu abbozz ta' dawk il-miżuri, flimkien ma' memorandum ta' spjega, qabel jadottawhom.

3. L-Istati Membri u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali konċernati jistgħu jibagħtu l-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tan-notifikazzjoni. Il-Kummissjoni trid tikkonferma, tħassar jew temenda l-miżura fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifikazzjoni.

4. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi notifikata lill-Istati Membri. Għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

5. L-Istati Membri konċernati jistgħu jirreferu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien għaxart ijiem min-notifikazzjoni tad-deċiżjoni.

6. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahar mid-data li tkun waslitlu r-referenza.

*Artikolu 9*

**Miżuri ta' l-Istati Membri fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku**

1. Stat Membru jista' jieħu miżuri mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni u l-maniġġjar ta' riżorsi f'żoni tas-sajd u biex inaqqas kemm jista' jkun l-effett tas-sajd fuq il-konservazzjoni ta' ekosistemi tal-baħar sa 12-il mil nawtiku mill-linji tal-bażi tiegħu basta li l-Komunità ma tkunx adottat miżuri indirizzati għall-konservazzjoni u l-maniġġjar speċifikament għal dik iż-żona. Il-miżuri ta' l-Istati Membri għandhom ikunu jaqblu ma' l-għanijiet preskritti fl-Artikolu 2 u mhux inqas stretti mil-leġislazzjoni eżistenti fil-Komunità.

Meta miżuri li se jkunu adottati minn Stat Membru aktarx se jaffettwaw lil bastimenti ta' Stat Membru ieħor, dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati biss wara li l-Kummissjoni, l-Istat Membru u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali konċernati ikunu ġew konsultati dwar abbozz tal-miżuri li jrid ikollu miegħu memorandum ta' spjega.

2. Miżuri li japplikaw għal bastimenti tas-sajd ta' Stat Membru ieħor għandhom ikunu bla ħsara għall-proċeduri preskritti fl-Artikolu 8(3) sa(6).

*Artikolu 10*

**Miżuri minn Stati Membri li jgħoddu biss għal bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom**

L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri għall-konservazzjoni u l-maniġġjar ta' ħażniet f'ibħra taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħhom basta li:

(a) dawn ikunu jgħoddu biss għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru konċernat u li jkunu reġistrati fil-Komunità jew, fil-każ ta' attivitajiet tas-sajd li ma jkunux jitmexxew minn bastiment tas-sajd, għal persuni stabbiliti fl-Istat Membru konċernat u

(b) ikunu jaqblu ma' l-għanijiet preskritti fl-Artikolu 2(1) u li ma jkunux inqas stretti mil-leġislazzjoni eżistenti fil-Komunità.

KAPITOLU III

**AĠĠUSTAMENT TAL-KAPAĊITÀ GĦAS-SAJD**

*Artikolu 11*

**Aġġustament tal-kapaċità għas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu miżuri li jaġġustaw il-kapaċità għas-sajd tal-flotot tagħhom biex jiksbu bilanċ stabbli u kontinwu bejn dik il-kapaċità għas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livelli ta' referenza espressi f'TG u kW tal-kapaċità għas-sajd imsemmija fl-Artikolu 12 u l-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ma jinqabżux.

3. L-ebda ħruġ mill-flotta sostnut minn għajnuna pubblika m'għandu jitħalla sakemm ma jkunx hemm qabel l-irtirar tal-liċenza għas-sajd kif imfisser fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3690/93 [1] u, meta jkun hemm disposizzjoni għalihom, l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd kif imfisser fir-regolamenti rilevanti. Il-kapaċità li tikkorrispondi mal-liċenza, u fejn meħtieġ ma' l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għaż-żoni tas-sajd konċernati, ma tistax tiġi sostitwita.

4. Meta tingħata għajnuna pubblika għall-irtirar mill-kapaċità għas-sajd li tmur lilhinn mit-tnaqqis ta' kapaċità meħtieġa għall-konformità mal-livelli ta' referenza skond l-Artikolu 12(1), l-ammont ta' kapaċità irtirata għandu jitnaqqas awtomatikament mil-livelli ta' referenza. Il-livelli ta' referenza li jirriżultaw għandhom ikunu l-livelli ta' referenza ġodda.

(1) ĠU L 341, 31.12.93, p. 93.

5. Fuq bastimenti tas-sajd ta' 5 snin jew aktar, il-modernizzazzjoni 'l fuq mill-gverta prinċipali biex ittejjeb is-sigurtà ta' abbord, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-iġjene, u l-kwalità tal-prodott tista' żżid it-tunnellaġġ tal-bastiment, basta li din il-modernizzazzjoni ma żżidx il-kapaċità tal-bastiment biex jaqbad il-ħut. Il-livelli ta' referenza skond dan l-Artikolu u l-Artikolu 12 għandhom jiġu adattati skond dan. Il-kapaċità korrispondenti m'hemmx għalfejn tittieħed f'konsiderazzjoni għall-istabbiliment tal-bilanċ ta' dħul u ħruġ minn Stati Membri skond l-Artikolu 13.

Ir-regoli dettaljati u l-kondizzjonijiet għal dawn il-miżuri jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

*Artikolu 12*

**Livelli ta' referenza għall-flotot tas-sajd**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi għal kull Stat Membru livelli ta' referenza espressi f'TG u kW tal-kapaċità għas-sajd totali tal-bastimenti tal-Komunitàli jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

Il-livelli ta' referenza għandhom ikunu t-total ta' l-għanijiet tal-Programm ta' Gwida għal Numru ta' Snin 1997-2002 għal kull segment kif iffissat għall-31 ta' Diċembru 2002 skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/413/KE ([1]).

2. Regoli ta' implimentazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

*Artikolu 13*

**Skema ta' Dħul/Ħruġ u tnaqqis ta' kapaċità totali**

1. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw dħul fil-flotta u ħruġ mill-flotta b'mod illi, mill-1 ta' Jannar 2003:

(a) id-dħul ta' kapaċità ġdida fil-flotta mingħajr għajnuna pubblika ikun kumpensat bl-irtirar minn qabel mingħajr għajnuna pubblika ta' mill-inqas l-istess ammont ta' kapaċità,

(b) id-dħul ta' kapaċità ġdida fil-flotta b-għajnuna pubblika mogħtija wara l-1 ta' Jannar 2003 ikun kumpensat bl-irtirar minn qabel mingħajr għajnuna pubblika ta':

  (i) mill-inqas l-istess ammont ta' kapaċità, għad-dħul ta' bastimenti ġodda ta' 100 TG jew inqas, jew

  (ii) mill-inqas 1,35 darbiet l-ammont ta' dik il-kapaċità, għad-dħul ta' bastimenti ġodda ta' aktar minn 100 TG.

2. Mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2004 kull Stat Membru li jagħżel li jidħol għal impenji ġodda ta' għajnuna pubblika għal tiġdid tal-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 għandu jikseb tnaqqis mill-kapaċità totali tal-flotta tiegħu ta' 3 % għall-perjodu kollu f'paragun mal-livelli ta' referenza msemmija fl-Artikolu 12.

([1]) ĠU L 175, tat-3.7.1997, p. 27. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2002/70/KE (ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 77).

3. Regoli ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu adotati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

*Artikolu 14*

**Bdil ta' informazzjoni**

1. Kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta ġabra fil-qosor tar-riżultati ta' l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jiksbu bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità għas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. Din il-ġabra għandha tkun bażata fuq rapport ta' kull sena minn kull Stat Membru li għandu jintbgħat lill-Kummissjoni mhux aktar tard mit-30 ta' April tas-sena ta' wara.

Il-ġabra fil-qosor tal-Kummissjoni flimkien mar-rapporti ta' l-Istati Membri mehmuża magħhom, għandhom jintbagħtu qabel l-aħħar tas-sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' l-opinjonijiet ta' l-STECF u l-Kumitat dwar Żoni tas-Sajd u l-Akwakultura stabbiliti skond l-Artikolu 30(1).

2. Regoli ta' implimentazzjoni għal dan il-bdil jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

*Artikolu 15*

**Reġistri tal-flotot tas-sajd**

1. Kull Stat Membru għandu jżomm reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunitàli jtajru l-bandiera tiegħu li għandu jinkludi l-informazzjoni minima dwar karatteristiċi u attivitajiet tal-bastiment meħtieġa għall-immaniġġjar ta' miżuri stabbiliti f'livelli ta' Komunità.

2. Kull Stat Membru għandu jagħmel disponibbli għall-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-pargrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi reġistru tal-flotot tas-sajd tal-Komunitàli jkun fih l-informazzjoni li tirċievi skond il-paragrafu 2 u għandha tagħmlu disponibbli għall-Istati Membri. Għandha tħares id-disposizzjonijiet tal-Komunitàdwar il-protezzjoni ta' *data* personali.

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-proċeduri għat-trasmissjoni tagħha kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3 jistgħu jiġu stabbiliti skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

*Artikolu 16*

**Kondizzjonalità ta' l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità u tnaqqis ta' sforz għas-sajd**

1. Għajnuna finanzjarja skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jippreskrivi regoli u arranġamenti dettaljati dwar l-għajnuna strutturali tal-Komunità fis-settur taż-żoni tas-sajd ([2]), ħlief fondi għall-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd, tista' tingħata biss sakemm Stat Membru jkun ħares l-Artikoli 11, 13 u 15 ta' dan ir-Regolament u jkun ta' l-informazzjoni meħtieġa skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/99 u r-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 366/2001 ([3]).

([2]) ĠU L 337, tat-30.12.1999, p. 10. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 179/2002 (ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 25).

([3]) ĠU L 55, ta' l-24.02.2001, p. 3.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha, wara li tkun offriet lill-Istat Membru konċernat il-possibiltà li jiġi mismugħ u safejn ikun proporzjonat għall-grad ta' nuqqas ta' konformità, tissospendi l-għajnuna finanzjarja skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 366/2001/3.

2. Jekk, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, jidhrilha li l-kapaċità tal-flotta ta' Stat Membru taqbeż il-kapaċità li għandu jkollha skond l-Artikoli 11, 13 u 15, għandha tinforma b'dan lill-Istat Membru konċernat. Dan l-Istat Membru għandu mill-ewwel inaqqa l-isforz tas-sajd tiegħu għal-livell li kien ikun jeżisti kieku ġew imħarsa l-Artikoli 11,13 u 15, bla ħsara għall-obbligi li joħorġu minn dawn l-Artikoli. L-Istat Membru konċernat għandu jikkomunika l-pjan tat-tnaqqis tiegħu lill-Kummissjoni għall-verifika, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2), kemm jekk it-tnaqqis ikun daqs il-kapaċità li tkun inqabżet kemm jekk le.

KAPITOLU IV

**REGOLI DWAR L-AĊĊESS GĦAL ILMIJIET U RIŻORSI**

*Artikolu 17*

**Regoli Ġenerali**

1. Bastimenti tas-sajd tal-Komunitàgħandu jkollhom l-istess aċċess għall-ilmijiet u riżorsi fl-ilmijiet kollha tal-Komunità ħlief dawk imsemmija fil-paragrafu 2, bla ħsara għall-miżuri adottati fil-Kapitolu II.

2. Fl-ilmijiet sa 12-il mil nawtiku mil-linji ta' bażi taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiġu awtorizzati mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2102 li jillimitaw is-sajd għal bastimenti tas-sajd li tradizzjonalment jistadu f'dawk l-ilmijiet minn portijiet fil-kosta li tmiss magħhom, bla ħsara għall-arranġamenti għal bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri oħra skond ir-relazzjonijiet ta' ġirien li jeżistu bejn Stati Membri u l-arranġamenti li hemm fl-Anness I, li jiffissaw għal kull Stat Membru iż-żoni ġeografiċi fil-faxex tal-kosta ta' Stati Membri oħra fejn attivitajiet tas-sajd ikunu eżerċitati u l-ispeċi konċernati.

Sa l-31 ta' Diċembru 2011 il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-arranġamenti preskritti f'dan il-paragrafu. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi qabel il-31 ta' Diċembru 2012 dwar id-disposizzjonijiet li għandhom jiġu wara l-arranġamenti msemmija hawn fuq.

*Artikolu 18*

**Shetland Box**

1. Dwar speċi ta' importanza speċjali fir-reġjun definiti fl-Anness II li huma bijoloġikament sensittivi minħabba l-karatteristiċi ta' l-isfruttar tagħhom, attività ta' sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Komunità b'tul bejn il-perpendikulari ta' mhux inqas minn 26 metru, għal speċi li jgħixu qrib qiegħ il-baħar ħlief Norway pout u merlangu blu, għandha tkun regolata b'sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel skond il-kondizzjonijiet preskritti f'dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, fl-Anness II.

2. Regoli dettaljati dwar applikazzjoni u proċedura għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

*Artikolu 19*

**Reviżjoni ta' regoli dwar aċċess**

1. Sa l-31 ta' Diċembru 2003 il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar ir-regoli li jirrigwardaw aċċess għal ilmijiet u riżorsi preskritti f'leġislazzjoni tal-Komunità ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 17(2), li jassessja l-ġustifikazzjoni għal dawn ir-regoli f'termini ta' għanijiet ta' konservazzjoni u sfruttar sostenibbli.

2. Fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 u wara li jkun ikkunsidrat il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 17(1), il-Kunsill għandu jiddeċiedi sa l-31 ta' Diċembru 2004 dwar xi aġġustamenti meħtieġa għal dawn ir-regoli.

*Artikolu 20*

**Allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd**

1. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar il-limiti ta' qbid u/jew opportunitajiet tas-sajd u dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif ukoll dwar il-kondizzjonijiet assoċjati ma' dawk il-limiti. Opportunitajiet tas-sajd għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri b'mod li jassigura lil kull Stat Membru stabbilità relattiva ta' attivitajiet tas-sajd għal kull ħażna jew żona tas-sajd.

2. Meta l-Komunità tistabbilixxi opportunitajiet tas-sajd ġodda il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni ta' dawk l-opportunitajiet, waqt li jqis l-interessi ta' kull Stat Membru.

3. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi, għal bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu, dwar il-metodu kif jiġu allokati opportunitajiet tas-sajd assenjati lil dak l-Istat Membru skond il-liġi tal-Komunità. Għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-metodu ta' allokazzjoni.

4. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal pajjiżi terzi f'ilmijiet tal-Komunità u jalloka dawk l-opportunitajiet lil kull pajjiż terz.

5. L-Istati Membri jistgħu, wara li javżaw lill-Kummissjoni, ibiddlu l-opportunitajiet kollha jew parti minnhom li jkunu allokati lilhom.

KAPITOLU V

**KONTROLL U NFURZAR TAS-SISTEMA**

*Artikolu 21*

**Għanijiet**

Skond is-sistema ta' kontroll u nfurzar tal-Komunità, aċċess għal ilmijiet u riżorsi u l-insegwiment ta' attivitajiet kif preskritt fl-Artikolu I għandu jkun kontrollat u l-ħarsien tar-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd għandu jkun infurzat.

*Artikolu 22*

**Kondizzjonijiet dwar aċċess għal ilmijiet u riżorsi u għal *marketing* ta' prodotti ta' żoni tas-sajd**

1. Attivitajiet fl-ambitu tal-Politika Komuni dwar is-Sajd għandhom ikunu projbiti sakemm il-ħtiġijiet li ġejjin ma jkunux imħarsa

(a) bastiment tas-sajd għandu jġorr il-liċenza tiegħu abbord u, meta jkun hemm disposizzjoni għal dan, l-awtorizzazzjonijiet tiegħu għas-sajd;

(b) bastiment tas-sajd għandu jkollu stallat abbord sistema li taħdem li tippermetti li dak il-bastiment jiġi skopert u identifikat minn sistemi ta' monitoraġġ mill-bogħod. Din il-ħtieġa tapplika għal bastimenti ta' aktar minn 18-il metru tul mill-1 ta' Jannar 2005;

(ċ) il-kaptan għandu bla dewmien jirreġistra u jirrapporta informazzjoni dwar attivitajiet tas-sajd, inkluż kemm jitniżżel 'l art u trasbordi. Kopji tar-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi fl-2004 dwar l-obbligu li jittrasmetti dawn ir-reġistrazzjonijiet elettronikament. Biex tiġi stmata t-teknoloġija li trid tiġi użata, l-Istati Membri, f'koperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom iwettqu proġetti pilota qabel l-1 ta' Ġunju 2004;

(d) il-kaptan għandu jaċċetta l-ispetturi abbord u jikkopera magħhom;

(e) il-kaptan għandu jirrispetta l-kondizzjonijiet u r-restrizzjonijiet dwar dak li jitniżżel, it-trasbordi, operazzjonijiet ta' sajd flimkien, tagħmir tas-sajd, xbiek u l-markar u l-identifikazzjoni ta' bastimenti.

2. Il-*marketing* ta' prodotti ta' żoni tas-sajd għandu jkun suġġett għal dawn il-ħtiġijiet li ġejjin:

(a) prodotti taż-żoni tas-sajd għandhom jinbiegħu biss minn bastiment tas-sajd lil xerrejja reġistrati jew f'irkanti reġistrati;

(b) ix-xerrej ta' prodotti ta' żoni tas-sajd minn bastiment tas-sajd fl-ewwel bejgħ għandu jiġi reġistrat ma' l-awtoritajiet;

(ċ) ix-xerrej ta' prodotti ta' żona tas-sajd fl-ewwel bejgħ għandu jibgħat fatturi jew noti tal-bejgħ lill-awtoritajiet, sakemm il-bejgħ ma jsirx f'irkant reġistrat li jinkludi l-obbligu li jintbagħtu fatturi jew noti ta' bejgħ lill-awtoritajiet;

(d) il-prodotti kollha ta' żoni tas-sajd imniżżla 'l art jew impurtati fil-Komunità li dwarhom la fatturi u lanqas noti ta' bejgħ ma jkunu ġew mibgħuta lill-awtoritajiet u li jkunu trasportati lejn post barra dak fejn tniżżlu jew ġew impurtati għandu jkollhom magħhom dokument imħejji minn min iġorrhom sakemm ikun twettaq l-ewwel bejgħ;

(e) il-persuni responsabbli għall-post tan-negozju jew għall-vetturi tat-trasport għandhom jaċċettaw l-ispetturi u jikkoperaw magħhom;

(f) meta jkun iffissat l-iżgħar daqs għal speċi partikolari, l-operaturi responsabbli għall-bejgħ, ħażna jew trasport għandhom ikunu f'qagħda li jippruvaw l-oriġini ġeografika tal-prodotti.

Xerrej li jakkwista prodotti li wara ma jitqegħdux fis-suq iżda li jintużaw biss għal konsum privat għandu jkun eżentat mill-ħtiġijiet ta' dan il-paragrafu.

3. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, regoli dettaljati jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

Dawn ir-regoli jistgħu ikopru, b'mod partikolari, l-obbligi dwar dokumentazzjoni, rekordjar, rappurtar u informazzjoni ta' l-Istati Membri, kaptani u persuni oħra ġuridiċi u naturali ingaġġati f'attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu ta' l-Artikolu 1.

Ir-regoli jistgħu wkoll jiddisponu għal eżenzjonijiet mill-obbligi tal-paragrafi 1 u 2, meta jistgħu ikunu ġustifikati bl-impatt negliġibbli fuq riżorsi akwatiċi ħajjin jew bil-piż mhux proporzjonat li l-obbligi joħolqu paragunat ma' l-importanza ekonomika ta' l-attività.

*Artikolu 23*

**Responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri**

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-liġi tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw kontroll, spezzjoni u infurzar effettiv tar-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd.

2. L-Istati Membri għandhom jikkontrollaw l-attivitajiet imwettqa fl-ambitu tal-Politika Komuni dwar is-Sajd fit-territorji tagħhom jew fl-ilmijiet bla ħsara għas-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħhom. Għandhom ukoll jikkontrollaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-attivitajiet tas-sajd tagħhom barra mill-ilmijiet tal-Komunità b'bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jtajru l-bandiera tagħhom u, bla ħsara għar-responsabbiltà ewlenija ta' l-Istat tal-bandiera taċ-ċittadini tagħhom. Għandhom ikunu responsabbli għall-ippustjar ta' osservaturi abbord bastimenti tas-sajd u biex jieħdu deċiżjonijiet xierqa, inkluża l-projbizzjoni ta' attivitajiet tas-sajd.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri, jallokaw riżorsi finanzjarji u umani u jistabbilixxu l-istruttura amministrattiva u teknika meħtieġa biex ikun żgurat kontroll, spezzjonar u infirzar effettiv, inklużi sistemi ta' monitoraġġ permezz ta' satelliti.. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi fl-2004 dwar l-obbligu li jkun stabbilit mezz ta' ħass mill-bogħad. Biex tiġi assessjata t-teknoloġija li trid tiġi użata, l-Istati Membri b'koperazzjoni mal-Kummissjoni għandhom iwettqu proġetti piloti qabel l-1 ta' Ġunju 2004. F'kull Stat Membru, awtorità waħda għandha tkun responsabbli biex tikkordina l-ġbir u l-verifika ta' informazzjoni dwar attivitajiet tas-sajd.

4. Meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru ikun qabeż l-opportunitajiet tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tħaddem tnaqqis minn opportunitajiet tas-sajd tal-futur ta' dak l-Istat Membru.

Jekk b'riżultat dirett ta' Stat Membru li jkun qabeż l-opportunitajiet tas-sajd allokati lilu Stat Membru ieħor ma setax juża għal kollox l-opportunitajiet tas-sajd tiegħu stess, opportunitajiet tas-sajd daqs dawk imnaqqsa skond il-paragrafu 1 jistgħu, totalment jew parzjalment, jiġu allokati mill-ġdid lil dak l-Istat Membru. Allokazzjoni mill-ġdid bħal din trid tiġi deċiża billi jiġi kkunsidrat l-interess tal-konservazzjni tar-riżorsi, kif ukoll l-interess f'kumpens taż-żewġ Stati Membri konċernati.

Deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

5. Regoli ta' implimentazzjoni dwar dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2), inklużi dawk dwar in-nominazzjoni minn Stati Membri ta' l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u r-regoli dwar it-tqegħid ta' osservaturi, ir-responsabbiltajiet tagħhom, ix-xogħol li għandhom jagħmlu u l-ispejjeż tagħhom.

*Artikolu 24*

**Spezzjonijiet u infurzar**

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' spezzjonijiet u infurzar meħtieġa għall-ħarsien tar-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd fit-territorji tagħhom jew fl-ilmijiet tagħhom bla ħsara għas-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħhom. Għandhom ukoll jieħdu miżuri ta' infurzar fejn għandhom x'jaqsmu l-attivitajiet tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-Komunità minn bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jtajru l-bandiera tagħhom u taċ-ċittadini tagħhom.

Dawn il-miżuri għandhom jinkludu:

(a) ċekkjar u spezzjonijiet fil-post fuq bastimenti tas-sajd, fil-postijiet tan-negozju u dawk ta' korpi oħra f'attivitajiet relatati mal-Politika Komuni dwar is-Sajd:

(b) dehriet ta' bastimenti tas-sajd;

(ċ) investigazzjoni, insegwiment ġuridiku ta' ksur ta' regoli u sanzjonijiet skond l-Artikolu 25;

(d) miżuri ta' prevenzjoni skond l-Artikolu 25(5);

(e) miżuri li jevitaw l-involviment taċ-ċittadini tagħhom f'attivitajiet tas-sajd li jmorru kontra l-miżuri applikabbli dwar konservazzjoni u maniġġjar, bla ħsara għar-responsabbiltà primarja ta' l-Istat tal-bandiera.

Il-miżuri meħuda għandhom ikunu dokumentati kif suppost. Għandhom ikunu effettivi, disswassivi u proporzjonati.

Regoli ta' implimentazzjoni, inklużi *benchmarks*, għal dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(3).

*Artikolu 25*

**Insegwiment ta' ksur ta' regoli**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa, inklużi azzjonijiet amministrattivi jew proċeduri kriminali bi qbil mal-liġi nazzjonali tagħhom, kontra l-persuni naturali jew ġuridiċi responsabbli meta r-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd ma' ġewx imħarsa.

2. Il-proċeduri mibdija skond il-paragrafu 1 għandu jkollhom il-forza, skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali, li effettivament iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi ta' dak il-ksur u li jipproduċu riżultati fi proporzjon għas-serjetà ta' dak il-ksur, li effettivament jiskoraġġixxu offiżi oħra ta' din ix-xorta.

3. Is-sanzjonijiet li joħorġu mill-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jinkludu, skond is-serjetà ta' l-offiża:

(a) multi;

(b) konfiska tat-tagħmir u l-qbid;

(ċ) sekwestru tal-bastiment;

(d) immobilizzazzjoni temporanja tal-bastiment;

(e) sospensjoni tal-liċenza;

(f) irtirar tal-liċenza.

4. Minkejja l-obbligi msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3, il-Kunsill għandu jistabbilixxi, fuq il-bażi tal-lista preskritta fil-paragrafu 3, katalgu ta' miżuri li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri dwar ksur serju, kif imfisser fir-Regolament (KE) Nru 1447/1999. Il-katalgu għandu jkun bla ħsara għall-għażla ta' l-Istati Membri li jimplimentaw dawn il-miżuri permezz ta' azzjoni amministrattiva jew proċeduri kriminali bi qbil mal-liġi nazzjonali tagħhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri immedjati biex ma jħallux bastimenti, persuni naturali jew ġuridiċi li jinqabdu *in flagrante delicto* waqt li jkunu qed jikkommettu ksur serju, kif imfisser fir-Regiolament (KE) Nru 1447/1999, milli jkomplu jagħmlu dan.

*Artikolu 26*

**Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni**

1. Bla ħsara għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni skond it-Trattat, il-Kummissjoni għandha tevalwa u tikkontrolla l-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd mill-Istati Membri, u tiffaċilita kordinazzjoni u koperazzjoni bejniethom.

2. Jekk ikun hemm xhieda li r-regoli dwar il-konservazzjoni, kontroll, spezzjonijiet jew infurzar skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd mhumiex qed jiġu mħarsa u li dan jista' jwassal għal theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin jew għat-tħaddim effettiv ta' kontroll u infurzar Komunitarju u s-sistema ta' infurzar li jitolbu azzjoni urġenti, il-Kummissjoni għandha tinforma bil-miktub lill-Istat Membru konċernat b'dak li sabet u tistabbilixxi żmien ta' mhux inqas minn 15-il ġurnata li fih irid juri konformità u jagħti l-kummenti tiegħu. Il-Kummissjoni tieħu f'konsiderazzjoni il-kommenti ta' l-Istati Membri f'kull azzjoni li tista' tieħu skond il-paragrafu 3.

3. Jekk ikun hemm xhieda ta' riskju li l-attivitajiet tas-sajd li twettqu f'żona ġeografika partikolari jistgħu iwasslu għal theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri ta' prevenzjoni.

Dawn il-miżuri għandhom ikunu fi proporzjon għar-riskju ta' theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin.

M'għandhomx idumu iżjed minn tliet ġimgħat. Jistgħu jiġu mtawla għal massimu ta' sitt xhur, safejn ikun meħtieġ għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, b'deċiżjoni meħuda skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

Il-miżuri għandhom jitwaqqfu minnufih meta l-Kummissjoni tara li r-riskju m'għadux hemm.

4. Fil-każ li l-kwota, allokazzjoni jew is-sehem disponibbli ta' Stat Membru jkunu kkunsidrati li ġew eżawriti, il-Kummissjoni tista', fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, twaqqaf l-attivitajiet tas-sajd minnufih.

5. Minkejja l-Artikolu 23(2) il-Kummissjoni għandha tikkontrolla l-attivitajiet tas-sajd fl-ilminiet tal-Komunità minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz meta dan ikun previst fil-liġi tal-Komunità. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rilevanti għandhom jikkoperaw u jikkordinaw l-azzjonijiet tagħhom.

6. Regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

*Artikolu 27*

**Evalwazzjoni u kontroll mill-Kummissjoni**

1. Għall-finijiet ta' evalwazzjoni u kontroll ta' l-applikazzjonijiet tar-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd minn Stati Membri, il-Kummisjoni tista', min jeddha u bil-mezzi tagħha stess, tibda u twettaq awditjar, inkjesti, verifiki, u spezzjonijiet dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd minn Stati Membri. B'mod partikolari tista' tivverifika:

(a) l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli mill-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom;

(b) il-konformità ta' prattiċi u spezzjonijiet amministrattivi nazzjonali u attivitajiet ta' sorveljanza mar-regoli;

(ċ) l-eżistenza tad-dokumenti meħtieġa u l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli;

(d) iċ-ċirkostanzi li fihom jitwettqu attivitajiet ta' kontroll u spezzjonijiet mill-Istai Membri.

Għal dawn l-għanijiet, il-Kummissjoni tista' twettaq spezzjonijiet fuq bastimenti tas-sajd kif ukoll fuq postijiet tan-negozju u ta' korpi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Politika Komuni dwar is-Sajd u għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa biex teżerċita r-responsabbiltà tagħha kollha. Spezzjonijiet mill-Kummissjoni mwettqa minn jeddha u bla għajnuna ta' spetturi ta' l-Istati Membri konċernati għandhom isiru biss fuq bastimenti tas-sajd u fuq postijiet fejn jitniżżlu l-qabdiet jew fejn jinbiegħu l-ewwel darba, u jkunu limitati għal żoni jew ħażniet bla ħsara għall-programm ta' monitoraġġ speċifiku deċiż skond l-Artikolu 34ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

Spetturi tal-Komunità għandhom jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li turi l-identità u l-kapaċità tagħhom. Spetturi tal-Komunità m'għandux ikollhom poteri aktar minn dawk ta' spetturi nazzjonali u m'għandux ikollhom il-poteri ta' pulizija u ta' infurzar. B'mod partikolari, spezzjonijiet tal-Komunità mingħajr l-għajnuna ta' spetturi ta' l-Istat Membru konċernat ma jistgħux isiru jekk il-parti li qed tiġi spezzjonata toġġezzjona.

L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni dik l-għajnuna li tkun teħtieġ biex twettaq dawn ix-xogħlijiet.

2. Rapporti dwar l-ispezzjonijiet għandhom jitqiegħdu għad-disposizzjoni ta' l-Istat Membru konċernat.

Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istat Membru konċernat il-possibiltà li jikkummenta fuq dak li jkun instab fir-rapport. Għandha tħares id-disposizzjonijiet Komunitarji dwar il-protezzjoni ta' *data* personali.

Meta l-Kummissjoni twettaq spezzjoni minn jeddha bla ma tkun akkumpanjata minn spetturi ta' l-Istat Membru konċernat, għandha tinforma b'dan lil dak l-Istat Membru fi żmien ġurnata mit-tmiem ta' l-ispezzjoni u tagħmel disponibbli, fi żmien xahar, rapport dwar dak li nstab.

L-Istati Membri m'għanhomx ikunu obbligati jaġixxu kontra individwi fuq il-bażi tas-sejbiet fir-rapport imsemmi hawn fuq.

3. Regoli dettaljat dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu adotati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

4. Kull tleit snin il-Kummissjoni għandha tħejji rapport ta' evalwazzjoni li jrid jintbgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-azzjoni tagħha skond il-paragrafu 1 u dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-Politika Komuni dwar is-Sajd mill-Istati Membri. Kull sena l-Istati Membri għandhom jiġu nfurmati bin-numru ta' spezzjonijiet skond il-paragrafu 1 imwettqa mill-Kummissjoni f'kull Stat Membru, bi tqassim dwar it-tipi ta' spezzjoni.

*Artikolu 28*

**Koperazzjoni u kordinazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' xulxin u ma pajjiżi terzi biex jiżguraw konformità mal-Politika Komuni dwar is-Sajd. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Istati Membri l-oħra u lill-pajjiżi terzi l-għajnuna meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità ma' dawk ir-regoli.

2. Fil-każ tal-kontroll u l-ispezzjonar ta' attivitajiet tas-sajd li jaqsam il-fruntieri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet tagħhom skond dan il-Kapitolu jkunu kordinati. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jibdlu l-ispetturi bejniethom.

3. Bla ħsara għar-responsabbiltajiet ewlenin ta' l-Istat Membru tal-kosta, l-Istat Membri għandhom ikunu awtorizzati jispezzjonaw il-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jtajru l-bandiera tagħhom fl-ilmijiet kollha tal-Komunità lil hinn mill-ilmijiet taħt is-sovranità ta' Stat Membru ieħor.

L-Istati Membri għandhom ukoll ikunu awtorizzati jwettqu spezzjonijiet skond ir-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd relatati ma' attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet kollha tal-Komunità lil hinn mill-ilmijiet taħt is-sovranità tagħhom fuq bastimenti tas-sajd, biss:

(a) wara awtorizzazzjoni mill-Istat Membru tal-kosta konċernat, jew

(b) meta programm ta' monitoraġġ speċifiku ikun ġie adottat skond l-Artikolu 34ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jispezzjonaw bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor f'ilmijiet internazzjonali.

Fil-każi ħlief dawk previsti f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lil xulxin biex iwettqu spezzjonijiet skond ir-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd.

4. Fuq il-bażi ta' nomini mill-Istati Membri komunikati lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2), lista ta' spetturi, bastimenti ta' spezzjonijiet u inġenji ta' l-ajru ta' spezzjonijiet u mezzi oħra ta' spezzjoni tal-Komunità awtorizzati jwettqu spezzjonijiet skond dan il-Kapitolu f'ilmijiet tal-Komunità u fuq bastimenti tas-sajd tal-Komunità.

5. Rapporti dwar spezzjonijiet u sorveljanza mħejjija minn spetturi tal-Komunità jew minn spetturi ta' Stat Membru ieħor jew minn spetturi tal-Kummissjoni għandhom jikkostitwixxu xhieda ammissibbli fi proċeduri amministrattivi jew ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor. Biex jistabbilixxu fatti għandhom jiġu trattati l-istess bħal rapporti ta' spezzjonar u sorveljanza ta' l-Istati Membri.

6. Regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artiklou jistgħu jitfasslu skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

Il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu jgħoddu biss darba li r-regoli ta' implimentazzjoni ikunu ġew preskritti.

KAPITOLU VI

## TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET U KONSULTAZZJONI

*Artikolu 29*

**Proċedura dwar teħid ta' deċiżjonijiet**

Ħlief jekk previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-Kunsill għandu jaġixxi skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 37 tat-Trattat.

*Artikolu 30*

**Kumitat għas-sajd u l-akwakultura**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn Kumitat għas-Sajd u l-Akwakultura.

2. Meta ssir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' 20 jum ta' xogħol.

3. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' 60 jum ta' xogħol.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 31*

**Kunsilli Konsultattivi Reġjonali**

1. Kunsilli Konsultattivi Reġjonali għandhom jiġu stabbiliti biex jgħinu fil-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Artikolu 2(1) u b'mod partikolari biex jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar suġġetti ta' maniġġjar ta' ċerti żoni tal-baħar jew żoni tas-sajd.

2. Kunsilli Konsultattivi Reġjonali għandhom ikunu magħmula prinċipalment minn sajjieda u rappreżentanti oħra ta' interessi affettwati mill-Politika Komuni dwar is-Sajd, bħal rappreżentanti tas-setturi taż-żoni tas-sajd u l-akwakultura, interessi ta' l-ambjent u tal-konsumatur u esperti xjentifiċi mill-Istati Membri kollha li għandhom interessi fiż-żona ta' baħar jew żona tas-sajd konċernati.

3. Rappreżentanti ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali b'interessi f'żoni tas-sajd fiż-żoni tal-baħar jew żoni tas-sajd konċernati għandu jkollhom id-dritt jieħdu sehem fil-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali bħala membri jew osservaturi. Il-Kummissjoni tista' tkun preżenti fil-laqgħat tagħhom.

4. Kunsilli Konsultattivi Reġjonali jistgħu jiġu konsultati mill-Kummissjoni fuq proposti dwar miżuri, bħal pjanijiet ta' irkupru jew maniġġjar għal numru ta' snin, li għandhom jiġu adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 37 tat-Trattat li tkun bi ħsiebha tippreżenta u li jkunu jirrigwardaw speċifikament żoni tas-sajd fiż-żoni konċernati. Jistgħu ukoll ikunu konsultati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri dar xi miżuri oħra. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu bla ħsara għall-konsultazzjoni ma' l-STECF u mal-Kumitat dwar Żoni tas-Sajd u Akwakultura.

5. Kunsilli Konsultattivi Reġjonali jistgħu:

(a) jibagħtu rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti, minn jeddhom jew fuq talba tal-Kummissjoni jew xi Stat Membru, dwar affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' maniġġjar ta' żoni tas-sajd lill-Kummissjoni jew lill-Istat Membru konċernat;

(b) jinfurmaw lill-Kummissjoni jew lill-Istat Membru konċernat bi problemi dwar l-implimentazzjoni ta' regoli tal-Komunità u jagħmlu rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti li jindirizzaw lil dawn il-problemi lill-Kummissjoni jew lill-Istat Membru konċernat;

(ċ) imexxu attivitajiet oħra meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

Kunsilli Konsultattivi Reġjonali għandhom jinfurmaw lill-Kumitat dwar iż-Żoni tas-Sajd u l-Akwakultura bl-attivitajiet tagħhom.

*Artikolu 32*

**Proċedura dwar l-istabbiliment ta' Kunsilli Konsultattivi Reġjonali**

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-istabbiliment ta' Kunsill Konsultattiv Reġjonali. Kunsill Konsultattiv Reġjonali għandu jkopri żoni ta' baħar li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' mill-inqas żewġ Stati Membri. Kunsill Konsultattiv Reġjonali għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 33*

**Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għal Żoni tas-Sajd**

1. Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għal Żoni tas-Sajd għandu jiġi stabbilit. L-STECF għandu jiġi konsultat f'intervali regolari fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-priservazzjoni u maniġġjar ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, inklużi konsiderazzjonijiet bijoloġiċi, ekonomiċi, ambjentali, soċjali u tekniċi.

2. Il-Kummissjoni għandha tqis il-parir ta' l-STECF meta tippreżenta proposti dwar maniġġjar ta' żoni tas-sajd skond dan ir-Regolament.

KAPITOLU VII

**DISPOSIZZJONIJIET TA' L-AĦĦAR**

*Artikolu 34*

**Tħassir**

1. Ir-Regolamenti (KEE) Nru 3760/92 u (KEE) Nru 101/76 huma hawnhekk imħassra.

2. Referenzi għad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti mħassra skond il-paragrafu 1 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għad-disposizzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 35*

**Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim tal-Politika Komuni dwar is-Sajd fir-rigward tal-Kapitoli II u III qabel l-aħħar ta' l-2012.

*Artikolu 36*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. FISCHER BOEL

*ANNESS I*

**AĊĊESS GĦAL ILMIJIET TAL-KOSTA FIS-SENS TA' L-ARTIKOLU 17(2)**

1. **ILMIJIET TAL-KOSTA TAR-RENJU UNIT**

A. AĊĊESS GĦAL FRANZA

| Żona Ġeografika | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku) | | |
| 1. Berwick-upon-Tweed lvant<br>Coquet Island lvant | Aringi | Bla limitu |
| 2. Flamborough Head lvant<br>Spurn Head lvant | Aringi | Bla limitu |
| 3. Lowestoft lvant<br>Lyme Regis nofsinhar | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| 4. Lyme Regis nofsinhar<br>Eddystone nofsinhar | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| 5. Eddystone nofsinhar<br>Longships lbiċ | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | L-ispeċi ta' molluski *pectinidae* | Bla limitu |
| | Awwista | Bla limitu |
| | Gambli ta' l-ilma ħelu | Bla limitu |
| 6. Longships lbiċ<br>Hartland Point majjistral | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | Gambli ta' l-ilma ħelu | Bla limitu |
| | Awwista | Bla limitu |
| 7. Hartland Point sa linja mit-tramuntana ta' Lundy Island | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| 8. Minn linja lejn il-punent ta' Lundy Island sa Cardigan Harbour | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| 9. Point Lynas tramuntana<br>Morecambe Light Vessel lvant | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| 10. County Down | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| 11. New Island grigal<br>Sanda Island lbiċ | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| 12. Port Stewart tramuntana<br>Barra Head punent | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| 13. Latitudni 57°40'T<br>Butt of Lewis punent | L-ispeċi kollha ħlief frott tal-baħar bil-qoxra | Bla limitu |
| 14. St Kilda, Flannan Islands | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| 15. Punent tal-linja li tgħaqqad il-fanal ta' Butt of Lewis mal-punt 59°30'T-5°45'P | L-ispeċi kollha | Bla limitu |

B. AĊĊESS GĦALL-IRLANDA

| Żona Ġeografika | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| *Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12 il-mil nawtiku)* | | |
| 1. Point Lynas tramuntana<br>Mull of Galloway nofsinhar | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |
| 2. Mull of Oa punent<br>Barra Head punent | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |

Ċ. AĊĊESS GĦALL-ĠERMANJA

| Żona Ġeografika | Speċi: | Importanza karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku) | | |
| 1. Lvant ta'Shetlands u Fair Isle bejn linji miġbuda lejn nofsinhar lvant mill-fanal tal-port ta' Sumbrugh Head lejn il-grigal mill-fanal ta' Skroo u lejn il-lbiċ mill-fanal ta'Skadan | Aringi | Bla limitu |
| 2. Berwick-upon-Tweed lvant, fanal ta' Whitby High lvant | Aringi | Bla limitu |
| 3. Fanal ta' North Foreland lvant, fanal ġdid ta' Dungeness nofsinhar | Aringi | Bla limitu |
| 4. Żona madwar St Kilda | Aringi | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |
| 5. Fanal ta' Butt of Lewis punent sal-linja li tgħaqqad mal-fanal ta' Butt of Lewis u l-punt 59°30'T-5°45'P | Aringi | Bla limitu |
| 6. Żona madwar North Rona u Sulisker (Sulasgeir) | Aringi | Bla limitu |

D. AĊĊESS GĦALL-OLANDA

| Żona Ġeografika | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| *Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)* | | |
| 1. Lvant ta' Shetlands u Fair Isle bejn linji miġbuda lejn ix-xlokk tal-fanal ta' Sumburgh Head lejn il-grigal mill-fanal ta' Skroo u lejn il-lbiċ mill-fanal ta' Skadan | Aringi | Bla limitu |
| 2. Berwick upon Tweed lvant, Flamborough Head lvant | Aringi | Bla limitu |
| 3. North Foreland lvant, il-fanal ġdid ta' Dungeness nofsinhar | Aringi | Bla limitu |

E. AĊĊESS GĦALL-BELĠJU

| Żona Ġeografika | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| *Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku)* | | |
| 1. Berwick upon Tweed lvant<br>Coquer Island lvant | Aringi | Bla limitu |
| 2. Cromer tramuntana<br>North Foreland lvant | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| 3. North Foreland lvant<br>Il-fanal ġdid ta' Dungeness nofsinhar | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | Aringi | Bla limitu |
| 4. Il-fanal ġdid ta' Dungeness nofsinhar, Selsey Bill nofsinhar | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| 5. Straight Point xlokk, South Bishop majjistral | Tal-qiegħ | Bla limitu |

## 2. **ILMIJIET TAL-KOSTA TA' L-IRLANDA**

A. AĊĊESS GĦAL FRANZA

| Żona Ġeografika | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| *Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil nawtiku)* | | |
| 1. Erris Head majjistral<br>Sybil Point punent | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |
| 2. Mizen Head nofsinhar<br>Stags nofsinhar | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |
| 3. Stags nofsinhar<br>Cork nofsinhar | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |
| | Aringi | Bla limitu |
| 4. Cork nofsinhar, Carnsore Point nofsinhar | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| 5. Carnsore Point nofsinhar, Haulbowline xlokk | L-ispeċi kollha, ħlief frott tal-baħar bil-qoxra | Bla limitu |

B. AĊĊESS GĦAR-RENJU UNIT

| Żona Ġeografika | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| *Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil)* | | |
| 1. Mine Head nofsinhar<br>Hook Point | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | Aringi | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |
| 2. Hook Point<br>Carlingford Lough | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | Aringi | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |
| | L-ispeċi tal-molluski pectinidae | Bla limitu |

Ċ. AĊĊESS GĦALL-OLANDA

| Żona ġeografika | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| *Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil)* | | |
| 1. Stags nofsinhar<br>Carnsore Point nofsinhar | Aringi | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |

D. AĊĊESS GĦALL-ĠERMANJA

| Żona ġeografika | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolarir |
|---|---|---|
| *Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil nawtiku)* | | |
| 1. Old Head of Kinsale nofsinhar<br>Carnsore Point nofsinhar | Aringi | Bla limitu |
| 2. Cork nofsinhar<br>Carnsore Point nofsinhar | Kavalli | Bla limitu |

E. AĊĊESS GĦALL-BELĠJU

| Żona ġeografika | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| *Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil nawtiku)* | | |
| 1. Old Head of Kinsale nofsinhar<br>Carnsore Point nofsinhar | Aringi | Bla limitu |
| 2. Cork nofsinhar<br>Carnsore Point nofsinhar | Kavalli | Bla limitu |

3. **ILMIJIET TAL-KOSTA TAL-BELĠJU**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| 3 sa 12-il mil nawtiku | L-Olanda | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| | Franza | Aringi | Bla limitu |

4. **ILMIJIET TAL-KOSTA TAD-DANIMARKA**

| Żoni ġeografiċi | Stat Membru | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Kosta tal-Baħar tat-Tramuntana (fruntiera Daniża/Ġermaniża sa Hanstholm)<br>(6 sa 12-il mil nawtiku) | Il-Ġermanja | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Gambli u gambli kbar | Bla limitu |
| fruntiera Daniża/Ġermaniża sa Blåvands Huk | L-Olanda | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Ħut tond | Bla limitu |
| Blåvands Huk sa Bovbjerg | Il-Belġju | Merluzz | Bla limitu f'Ġunju u Lulju biss |
| | | Bakkaljaw | Bla limitu f'Ġunju u Lulju biss |
| | Il-Ġermanja | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | L-Olanda | Barbun tat-tbajja | Bla limitu |
| | | Lingwata | Bla limitu |

| Żoni ġeografiċi | Stat Membru | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Thyborøn sa Hanstholm | Il-Belġju | Merlangu | Bla limitu f'Ġunju U Lulju biss |
| | | Barbun tat-tbajja | Bla limitu f'Ġunju u Lulju biss |
| | Il-Ġermanja | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Sardin | Bla limitu |
| | | Merluzz | Bla limitu |
| | | *Pollachius virens* | Bla limitu |
| | | Bakkaljaw | Bla limitu |
| | | Kavalli | Bla limitu |
| | | Aringi | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |
| | L-Olanda | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja | Bla limitu |
| | | Lingwata | Bla limitu |
| Skagerrak (Hanstholmto Skagen) (4 sa 12-il mil nawtiku) | Il-Belġju | Barbun tat-tbajja | Bla limitu f'Ġunju u Lulju biss |
| | Il-Ġermanja | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Sardin | Bla limitu |
| | | Merluzz | Bla limitu |
| | | *Pollachius virens* | Bla limitu |
| | | Bakkaljaw | Bla limitu |
| | | Kavalli | Bla limitu |
| | | Aringi | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |
| | L-Olanda | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja | Bla limitu |
| | | Lingwata | Bla limitu |
| Kattegat | Il-Ġermanja | Merluzz | Bla limitu |
| | | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Skampi | Bla limitu |
| | | Aringi | Bla limitu |
| Tramuntana ta' Zeeland sal-parallela tal-latitudni li tgħaddi mill-fanal ta' Forsnæs | Il-Ġermanja | Sardin | Bla limitu |
| Il-Baħar Baltiku (inklużi Belts, Sound, Bornholm) 3 sa 12-il mil nawtiku | Il-Ġermanja | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Merluzz | Bla limitu |
| | | Aringi | Bla limitu |
| | | Sardin | Bla limitu |
| | | Sallur | Bla limitu |
| | | Salamun | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |
| | | Kavalli | Bla limitu |

| Żoni ġeografiċi | Stat Membru | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Skagerrak<br>(4 sa 12-il mil) | l-Isvezja | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| Kattegat<br>(3 [1] sa 12-il mil) | l-Isvezja | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| Il-Baħar Baltiku<br>(3 sa 12-il mil) | l-Isvezja | L-ispeċi kollhai | Bla limitu |

[1] Imkejjel mil-linja tal-kosta.

## 5. ILMIJIET TAL-KOSTA TAL-ĠERMANJA

| Żoni ġeografiċi | L-Istati Membri | L-ispeċje: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Il-Baħar tat-Tramuntana<br>(3 sa 12-il mil nawtiku)<br>il-kosti kollha | Id-Danimarka | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | | Sardin | Bla limitu |
| | | Sallura tar-ramel | Bla limitu |
| | L-Olanda | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | | Gambli u gambli kbar | Bla limitu |
| Il-fruntiera Daniża/Ġermaniża lejn il-ponta fit-tramuntana ta' Amrun f'54°43_T | Id-Danimarka | gambli u gambli kbar | Bla limitu |
| Żona madwar Helgoland | Ir-Renju Unit | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja | Bla limitu |
| Il-Baħar Baltiku<br>(3 sa 12-il mil) | Id-Danimarka | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja | Bla limitu |
| | | Aringi | Bla limitu |
| | | Sardin | Bla limitu |
| | | Sallur | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |
| | | Kavalli | Bla limitu |

## 6. ILMIJIET TAL-KOSTA TA' FRANZA U D-DIPARTIMENTI LIL HINN MILL-BAĦAR

| Żoni ġeografiċi | Stat Membru | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| *Il-kosta tal-grigal ta' l-Atlantiku (6 sa 12-il mil)* | | | |
| Il-fruntiera Balġjana/Franċiża lejn il-lvant ta' Departement Manche (Vire-Grandcamp les Bains estwarju 49° 23' 30' T-1° 2 'PTTL) | Il-Belġju | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | | Molluski tal-familja *pectinidae* | Bla limitu |
| | L-Olanda | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| Dunkerque (2° 20' E) sa Cap d'Antifer (0° 10' L) | Il-Ġermanja | Aringi | Bla limitu minn Ottu-bru sa Diċembru biss |
| Il-fruntiera Belġjana/Franċiża saCap d'Alprech punent (50° 42 30' T 1° 33' 30' L) | Ir-Renju Unit | Aringi | Bla limitu |

| Żoni ġeografiċi | Stat Membru | Speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| *Kosta ta' l-Atlantiku (6 sa 12-il mil nawtiku)* | | | |
| Il-fruntiera Spanjola/Franċiża lejn 46° 08_ T | Spanja | Inċova | Sajd b'direzzjoni, bla limitu mill-1 sat-30 ta' Marzu biss Ġunju<br><br>Sajd għal lixka ħajja mill-1 ta' Lulju sa l-31 ta' Ottubru biss. |
| | | Sardin | Bla limitu mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar biss mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru,<br><br>Barra hekk, attivitajiet relatati ma' l-ispeċi msemmijin hawn fuq għandhom jiġu segwiti skond u fil-limiti ta' l-attivitajiet segwiti matul l-1984 |
| *Kosta tal-Mediterran (6 sa 12-il mil nawtiku)* | | | |
| Il-fruntiera Spanjola Cap Leucate | Spanja | L-ispeċi kollha | Bla limitu |

7. **ILMIJIET KOSTALI TA' SPANJA**

| Żona ġeografika | Stat Membru | speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| *Kosta ta' l-Atlantiku (6 sa 12-il mil nawtiku)* | | | |
| Fruntiera Franċiża/Spanjola sal-fanal ta' Cap Mayor (3° 47' P) | Franza | Pelaġiku | Bla limitu skond u fil-limiti ta' l-attivitajiet segwiti matul l- 1984 |
| *Kosta tal-Mediterran (6 sa 12-il mil nawtiku)* | | | |
| fruntiera Franċiża/Cap Creus | Franza | L-ispeċi kollha | Bla limitu |

8. **ILMIJIET TAL-KOSTA TA' L-OLANDA**

| Żona ġeografika | Stat Membru | speċi: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| (3 sa 12-il mil nawtiku) il-kosta kollha | Il-Belġju | L-ispeċi kollhai | Bla limitu |
| | Id-Danimarka | Tal-qiegħ | Bla limitu |
| | | Sardin | Bla limitu |
| | | Sallur tar-ramel | Bla limitu |
| | | Żgombru | Bla limitu |
| | Il-Ġermanja | Merluzz | Bla limitu |
| | | Gambli u gambli kbar | Bla limitu |
| (6 sa 12-il mil nawtiku) il-kosta kollha | Franza | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| Texel punt ta' nofsinhar, punent ta' l-Olanda/Fruntiera Ġermaniża | Ir-Renju Unit | Tal-qiegħ | Bla limitu |

## 9. **ILMIJIET TAL-KOSTA TAL-FINLANDJA**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċi: | Importanza jew kratteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Il-Baħar Baltiku (4 sa 12-il mil) (*) | l-Isvezja | L-ispeċi kollha | Bla limitu |

(*) 3 sa 12-il mil madwar Bogskär Isles.

## 10. **ILMIJIET TAL-KOSTA TA' L-ISVEZJA**

| Żona ġeografika | Stat membru | L-ispeċi kollha: | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Skagerrak (4 sa 12-il mil nawtiku) | Id-Danimarka | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| Kattegat (3 (*) sa 12-il mil) | Id-Danimarka | L-ispeċi kollha | Bla limitu |
| Il-Baħar Baltiku (4 sa 12-il mil) | Id-Danimarka | L-ispeċi kollha | Bla limitud |
| | il-Finlandja | L-ispeċi kollha | Bla limitu |

(*) Imkejjel mill-linja tal-kosta.

*ANNESS II*

## SHETLAND BOX

A. **Limiti ġeografiċi**

Mill-punt fuq il-kosta ta' l-Iskozja f'latitudni 58°30′ T sa 59°30′ T - 6°15′ P

Minn 58°30′ T - 6°15′ P sa 59°30′ T - 5°45′ P

Minn 59°30′ T - 5°45′ P sa 59°30′ T - 3°45′ P

matul il-linja tat-12-il mil nawtiku fit-tramuntana ta' l-Orkneys

Minn 59°30′ T - 3°00′ P sa 61°00′ T - 3°00′ P

Minn 61°00′ T - 3°00′ P sa 61°00′ T - 0°00′ P

matul il-linja tat-12-il mil nawtiku fit-tramuntana tax- Shetlands

Minn 61°00′ T - 0°00′ P sa 59°30′ T - 0°00′ P

Minn 59°30′ T - 0°00′ P sa 59°30′ T - 1°00′ P

Minn 59°30′ T - 1°00′ P sa 59°00′ T - 1°00′ P

Minn 59°00′ T - 1°00′ P sa 59°00′ T - 2°00′ P

Minn 59°00′ T - 2°00′ P sa 58°30′ T - 2°00′ P

Minn 58°30′ T - 2°00′ P sa 58°30′ T - 3°00′ P

Minn 58°30′ T - 3°00′ P sal-kosta tal-lvant ta' l-Iskozja fil-latitudni 58°30′ T.

B. **Sforz tas-sajd awtorizzat**

L-akbar numru ta' bastimenti b'tul bejn il-perpendikulari ta' mhux inqas minn 26 metru awtorizzati biex jistadu għal speċi tal-qiegħ, ħlief *Norway pout* u merlangu blu:

| Stat Membru | Numru ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati |
|---|---|
| Franza | 52 |
| Ir-Renju Unit | 62 |
| Il-Ġermanja | 12 |
| Il-Belġju | 2 |